MISSION FUND

NO: 105 DIĊEMBRU 2012 - FRAR 2013

NEWSPAPER POST




**Proġett mill-Mission Fund fl-Indja**

## Ħolma Kbira

EDITORIAL

F'dawn l-aħħar għoxrin sena, il-Mission Fund wettaq diversi proġetti ta' bini kemm fl-Afrika, fl-Amerika Latina u issa fl-Asja. Ftit tal-jiem ilu rritornaw lura sbatax-il voluntier tal-Mission Fund li marru f'Dumka li tinsab fil-parti ta' fuq tal-Indja. Pajjiz tassew enormi li għandu popolazzjoni ta' biljun u mitejn miljun persuna.

Il-proġett ta' din is-sena kien binja fl-iskola li 'l quddiem se tkun universita' u li għad trid tilqa' fiha 8000 student. Ħolma tassew kbira. Ħolma li bdiet issir realta' meta ftit ilu fetħet il-bibien tagħha għall-ewwel studenti, Ħindi, Insara u Musulmani. Huwa ttamat li dan il-proġett għandu jieħu madwar għaxar snin sabiex jitlesta. Minbarra l-klassijiet kbar li diġa' tlestew, il-Mission Fund bena s-sular ta' isfel tal-hostel li se jilqa' fih 400 tfajla. Hemm ukoll il-pjani lesti biex jinbena ieħor għas-subien. Tiskanta x'binja bnew il-voluntieri Maltin f'ħames ġimgħat li għamlu fl-Indja.

F'din in-naħa tal-Indja kienu l-Ġiżwiti Maltin li taw il-bidu tal-Knisja. Il-ħidma tagħhom, li żgur li kienet iebsa ħafna fil-bidu, bdiet tħalli ħafna frott. Impressjonanti. Dan rajnieh b'għajnejna u missejnieh b'idejna kemm fil-mission stations li żorna u anke fil-laqgħa sabieħa li kellna mal-missjunarji Maltin u Għawdxin li ġew iżuruna. Il-Maltin kienu l-appostli fil-missjoni fost is-Santals fl-Indja, li huma aktar minn 100 miljun. Ġew iżuruna Fr Paul Aquilina, Fr Emidio Saliba, Fr Anthony Scerri, Fr Aloysio Zammit, Fr Joseph Gauci Sacco, Fr Joseph Zerafa, Fr Anthony Gatt, kif ukoll soru Maltija Sr Emmanuel Borg. Ilkoll bdew jikbru fl-eta' iżda mimlija bl-ispirtu missjunarju u entuzjazmu. Iċċelebrajna l-Ewkaristija u kilna ikla Maltija flimkien. Fraħna u ferraħna lil xulxin. Il-ħidmiet li dawn l-aħwa Ġiżwiti wettqu kemm fil-parroċċi li bnew u mexxew, diversi skejjel li waqfu u tant ħidmiet soċjali li qed isiru f'kull qasam, kien possibbli wkoll bil-ġenerożita' kontinwa li l-poplu Malti jagħti b'risq din il-missjoni partikulari.

Anke Alla ħolom ħolma kbira. Ried isalva lill-umanita'. Jifdiha. Għalhekk bagħat lill-Ibnu Ġesu' Kristu. Il-ħolma tal-Inkarnazzjoni tal-Iben il-Waħdieni fostna saret realta'. Għandna għalfejn niċċelebraw dan il-misteru kbir u mill-isbaħ. Awguri lill-benefatturi kollha għall-Milied ħieni u qaddis, kif ukoll għas-sena 2013 li tkun waħda ta' paċi u ġid.

Fr Marcellino Micallef OFM
Direttur Spiritwali

Address: Eureka Court, Block A Flat 6, Main Street, Mosta MST 1018 • Opening Hours: Mon. - Fri. 9am - 1pm
Tel/Fax: (+356) 2141 3664 – 24hr Answering Machine Service • Website: www.missionfund.org.mt • E-mail: missionfund@global.net.mt
Il-Mission Fund hija reġistrata bħala organizzazzjoni filantropika skont l-Att ta' l-2007 dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji - Reg. No. VO/0015

# CHRISTMAS BUFFET DINNER

Post: **Soreda Hotel**, Triq Andrew Cunningham, Qawra

Meta: L-Erbgħa **12 ta' Diċembru, 2012** fis-20.15

Prezz: Kbar €18.00 - Tfal taħt it-12 'il sena €9.00

## BUFFET DINNER MENU

***Menu:***

*A Selection of Antipasti*
*****
*Soup of the Day*
*****
*Choice of two Pasta*
*****
*Roast Beef - Pork - Chicken - Fish*
*****
*Vegetables & Potatoes*
*****
*A selection of Desserts*
*****
*Cheese & Biscuits*
*****
*Glass of wine / Soft Drink / Coffee*
****

*Ejjew u ġibu lill-ħbieb u lill-qraba tagħkom. Aħsbu kmieni għax il-postijiet huma limitati. Arranġamenti għat-transport jistgħu jsiru għal min ikollu bżonn. Ibbukkjaw l-uffiċċju fuq tel: 21413664 ( mit-Tnejn sal-Ġimgħa mid-09.00 sas-13.00 ) jew Charles Decelis 21575351 / 99885078 sad-10 ta' Diċembru, 2012.*

*******************************************************************************

*Fil-Milied naħsbu ħafna biex nagħtu rigali lil maħbubin tagħna. Nafu li intom tħobbu ħafna lill-foqra fl-artijiet tal-missjoni, għalhekk inħeġġukhom biex tagħmlu rigal b'donazzjoni u b'hekk tixgħelu l-qlub ta' tant imsejknin.*

-------------------------------------------------- ***aqta` hawn*** --------------------------------------------------

*Jien* ________________________________ *li noqgħod* ____________________________________

____________________________________________________ *Post Code:* ________________

*qed nibgħat €* _______ *permezz ta' cheque / money order pagabbli lill-Mission Fund.*

-------------------------------------------------- ***aqta` hawn*** --------------------------------------------------



Il-Kumitat u l-membri tal-**MISSION FUND** jawguraw lill-benefatturi,

MILIED ĦIENI U SENA MIMLIJA BARKA U PAĊI FIL-MULEJ.

GRAZZI ħafna ta' l-għajnuna li tagħtjuna matul is-sena 2012.

*Il-Kumitat*